MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

## ONOR. IMHALLEF LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2003

Rikors Numru. 953/1997/1

Joseph Grixti
vs
Dipartiment tas-Sahha

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' bejn 1987 u 1997 huwa sofa ingustizzja fi transfer u promozzjonijiet.

Il-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Ir-rikorrent kien ilu stazzjonat fil-Primary Health Care Department mis-sena 1985 u kien jokkupa l-kariga Amministrattiva fin-Nursing dik ta' Senior Nursing Officer i.e. Administrative Nurse III Lower Scale. Fl-istess waqt kien qed jaghmel ix-xoghol u d-doveri kollha ta' Principal Nursing Officer i.e. Administrative Nurse III Higher Scale.

Dan ghaliex kien l-ufficjal inkarigat mill-Primary Health Care fejn jidhol in-nursing u gradi ohra ancillari.

Wara l-elezzjoni tal-1987 kien gie trasferit ghal-Mount Carmel Hospital, Male Ward 8 sala maghrufa bhala sala tal-kastig. It-transfer list originali turi li l-kastig kien kontemplat li jkun akbar billi originarjament kien ser ikun ghal tal-Ferha Estate.

Dan wassal biex ir-rikorrent minn entita` li kienet tinkludi sitt “Health Centres” b’numru konsiderevoli ta’ staff taht ir-responsabbilita` tieghu kien sab ruhu f’sala li taghmel parti minn sptar bi ftit staff taht ir-responsabilita` tieghu waqt li hu nnifsu kien gie taht ir-responsabilita` ta’ staff li qabel kien fil-livell taghhom jew fuqhom.

Ghal dan it-transfer kienet inghatat spjegazzjoni li dan inghata skond l-esigenza tas-servizz.

Dan l-agir kien pogga lir-rikorrent f’posizzjoni sinifikanti minghajr importanza.

Fl-1991 kien applika ghal promozzjoni ta’ Administrative Nurse III Higher Scale. B’kawza ta’ hekk nurses li kienu warajh fl-istaff list tal-1989 kienu gew moghtija promozzjoni ta’ Administrative Nurse III Scale P.N.O.

Fl-10 t’Ottubru d-Dipartiment tas-Sahha kien hareg applikazzjonijiet ghal Manager Nursing Services u Departimental Nursing Manager. Dawn iz-zewg gradi kienu simili ghal grad ta’ Principal Nursing Officer u Senior Nursing Officer rispettivament.

Kienu saru l-intervisti u gew imlahhqa u appuntati certi impjegati li kellhom esperjenza u servizz ferm inqas minn tar-rikorrent.

Minhabba f’hekk huwa kien gie sofra ingustizzja strettament degradanti kif ukoll umiljazzjoni. Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigaward ta’ kull xhud dawk il-fatti li

r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Illi huwa esebixxa 13-il dokument in sostenn tal-kaz u rriserva d-dritt li jesebixxi dokumenti ohra jekk ikun il-kaz.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab li dan it-Tribunal li jisma’ u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att tal-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi tigi moghtija lilu l-promozzjoni li kellu dritt ghalija fil-Grad ta’ MNS/DNM li fil-fehma tieghu kellu mertu u kompetenza superjuri ghal-kandidati ohra, kif ukoll f’arretrati kollha dovuti f’dan ir-rigward.
Ir-rikorrent talab ukoll li jigi kumpensat ghall-hsara psikologika li sofra kawza tad-diskriminazzjoni mwettqa kontrih.

Jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat jithallas lilu, kumpens f’ammont ta’ (Lm5000) hamest elef lira Maltin.

Ra l-elenku tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tat-Tabib Principali tal-Gvern li eccepixxa:

Illi l-grad tar-rikorrent u cioe` l-hatra tieghu kif approvata mill-Prim Ministru wara rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku kienet ta’ Administrative Nurse III Lower grade.

Illi t-transfer li kien inghata kien ai termini ta’ l-appointment tieghu u sar skond l-esigenzi tas-servizz ta’ dak inhar li kien inghata stante li l-Isptar kien jehtieg aktar staff kif ikkonfermat mir-rikorrent fit-tielet paragrafu tar-rikors.

Illi rigward il-promozzjoni tali hatriet isiru biss mill-Prim Ministru fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Il-procedura minn meta jinhargu s-sejhiet ghall-applikazzjonijiet sa meta jinhatru dawk

maghzula kienu insindikabbli ai termini ta’ l-Artikolu 115 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta.

Ghaldaqstant l-intimat talab lil dan it-Tribunal illi jichad it-talbiet ta’ Joseph Grixti bl-ispejjez stante illi nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Ra l-elenku tax-xhieda ta’ l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Illi r-rikorrent ikkonferma l-kontenut tar-rikors u pprezenta affidavit fejn qal li kien dahal jahdem mad-Dipartiment tas-Sahha bhala Staff Nurse f'Gunju 1974. Wara l-elezzjoni ta’ l-1987, kien gie trasferit ghall-Isptar Monte Carmeli u precizament go Male Ward 8 li kienet maghrufa bhala s-sala tal-kastig. Kien ircieva transfer list li fiha kien hemm li kellu jmur gewwa Mount Carmel Hospital. Qal li ma nghata ebda raguni ghal dak it-trasferiment izda meta l-union tieghu kitbet lid-Dipartiment qalulu li d-Dipartiment sostna li t-trasferiment kien sehh minhabba l-esigenzi tad-Dipartiment. Qal li sab ruhu taht responsabbilta` ta’ staff li qabel it-trasferiment kien jew fil-grad tieghu jew tahtu. Bhala paga ma tilef xejn izda meta applika ghal promozzjoni ghal Administrative Nurse 3 (Higher Scale) kien gie maqbuz minn individwi li kellhom servizz u esperjenza inqas minnu. Semma li t-trasferiment kien ghal mottivi politici.

Xehed Saviour Lautier li qal li fl-1987 kien ufficjal inkarigat mill-personnel fid-Dipartiment tas-Sahha. Ikkonferma l-grad tar-rikorrent bhala Administrative Nurse Scale 3 u qal li r-rikorrent dejjem ghamel xogholu tajjeb. Semma li r-rikorrent kien inkarigat mill-Health Centres kollha u kkonferma li x-xoghol li kien qed jaghmel seta’ kien xoghol

ta’ higher scale. Li-school medical service, school dental clinics u sezzjonijiet ohrajn kienu jaqghu tahtu wkoll. Fl-1987 ir-rikorrent kien ha transfer ghal Mount Carmel Hospital go Ward 8. Ix-xhud qal li biex segwa dak it-transfer inghata struzzjonijiet mill-Ministeru. It-transfers kienu hargu fit-22 ta’ Mejju 1987, ftit granet wara l-elezzjoni tal-1987. Meta r-rikorrent gie trasferit, kien gie sostitwit b’certu Alfred Briffa.

Xehed il-Professur Abraham Galea li qal li kien il-Physicians Superintendent u eventwalment sar Direttur tal-Psikjatrija. Semma li jaf lir-rikorrent bhala Charge Nurse f'Ward 8 ta' l-Isptar u qal li x'aktarx li kien mar wara l-1987. Ward 8 kienet maghrufa bhala l-ward li kienu jibghatu l-iktar l-pazjenti li kienu deterjorati fl-Isptar. Qal li d-duties tar-rikorrent kienu eccellenti. Ir-rikorrent kien ben vist mill-pazjenti u x-xhud kien orgoljuz bix-xoghol tieghu. Kien jisma’ lill-pazjenti, inizzilhom fil-bitha u jilqa' r-relatives taghhom meta jkun hemm bzonn. Semma li fejn kien qabel kien aktar ghal qalbu. Ir-rikorrent ma talbu ebda pjaciri biex jaqbez ghalih semplicement iddiskuta mieghu.

**KONKLUZJONIJIET:**
Illi ghalhekk l-ilment tar-rikorrent huwa bazat fuq li gie trasferit minghajr raguni valida. Huwa veru li fil-korp tar-rikors issemma’ wkoll il-possibbilta` li bata fil-promozzjonijiet izda din anqas biss giet sostnuta fit-talba finali tar-rikors u fi kwalunkwe kaz ma saru ebda provi dwar promozzjonijiet. Ghalhekk it-Tribunal sejjer jillimita ruhu ghall-provi dwar it-tansfer.

Fil-kawza “Godwin Pulis vs Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim`Ministru et” deciza fit-23 ta’ Marzu, 1999 it-Tribunal qal:

“Meta jsiru domandi lil min ikun responsabbli ghat-transfers it-Tribunal jisma’ dejjem li fil-kuntratt tax-xoghol hemm stipulat li dan jista’ jsir skond l-esigenzi tas-servizz, kif ukoll li ma hemm ebda ligi li tghidlek li dan irid ikun bil-miktub u li jinghatw r-ragunijiet ghalih. Veru li sfortunatament ma hemmx ligi f’dan ir-rigward, izda f’dan

is-seklu ghalkemm il-haddiema ghandhom hafna aktar doveri milli xi whud minnhom jifmu, fl-istess hin hemm id-dover sakrosant li ghandhom jigu stmati bl-ahjar mod possibli. Il-kliem esigenzi tas-servizz mhix xi lokuzzjoni frivola li wiehed jghaddiha bhala passatemp – infatti l-esigenzi tas-servizz iridu veru jirrekjedu hekk. Is-serjeta' titlob ukoll li transfer ikun hemm raguni valida ghalih, u ferm desiderabbli li jinghata bil-miktub jekk kollox hu “above board”.

Issa fil-kaz in ezami l-unika raguni li nghata mis-Sur Lautier li kien l-ufficjal inkarigat mill-Personnel tad-Dipartiment tas-Sahha kienet li rcieva ordnijiet mill-Ministeru, liema raguni certament mhix sufficjenti ghal dan it-Tribunal. Ir-rikorrent gie deskritt mill-Professur Abraham Galea bhala persuna “li d-duties tar-rikorrent kienu eccellenti. Ir-rikorrent kien ben vist mill-pazjenti u x-xhud kien orgoljuz bix-xoghol tieghu. Kien jisma’ lill-pazjenti, inizzilhom fil-bitha u jilqa' r-relatives taghhom meta jkun hemm bzonn.” Illi ghalhekk it-Tribunal m’ ghandux raguni valida ghaliex jikkunsidra li fil-fatt it-trasferiment sar verament minhabba l-ezigenzi tas-servizz. Is-suggeriment tal-konsulent legali ta’ l-intimat li t-trasferiment inghata halli r-rikorrent ikollu “a wider experience” hija sempliciment parti tat-trattazzjoni u anqas tirrizulta xejn mid-depozizzjonijiet.

Ghaldaqstant isib l-ilment gustifikat, jichad l-eccezzjonijiet ta’ l-intimat, u peress li ma jistax f’dan il-kaz jordna rimedju kompensattiv, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta’ kumpens ta’ elf lira Maltin [LM1000].

Spejjez kontra l-intimat.

--------------------------------TMIEM--------------------------------